MALTA

# QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)
# BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI

## MAĠISTRAT DR.
## ANTONIO MIZZI

Seduta tad-19 ta' Jannar, 2004

Numru 933/2003

Il-Pulizija
(Sp Carmelo Bartolo)
vs
Mario Pace, iben Anthony,
imwieled Pieta' fis-27 ta' marzu, 1976

Il-Qorti,
Rat l-akkużi kontra l-imputat –
1. talli f'dawn il-Gżejjer, matul il-perjodu ta' bejn is-16 ta' settembru, 1996 u is-27 ta' diċembru, 1999, b'diversi atti magħmulin ukoll jekk fi żminijiet differenti, u li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-liġi u li ġew magħmula b'rizoluzzjoni waħda, bħala uffiċjal jew impjegat pubbliku illi, għal xi vantaġġ privat tiegħu, għamel użu ħażin minn flejjes tal-Gvern jew tal-privat, karti ta' kreditu jew dokumenti, titoli, atti jew ħwejjeġ mobbli, li kienu fdati lilu minħabba l-kariga jew impjieg tiegħu, jew seraqhom għad-dannu tal-Gvern ta' Malta;

2. talli f'dawn il-Gżejjer, matul il-perjodu ta' bejn is-16 ta' settembru, 1996 u is-27 ta' diċembru, 1999 b'diversi atti magħmulin ukoll jekk fi żminijiet differenti, u li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-liġi u li ġew magħmula b'rizoluzzjoni waħda kkometta serq ta' diversi oġġetti mill-Isptar Monte Carmeli, aggravat bil-valur, bil-lok u bil-persuna li sar għad-dannu tal-Gvern ta' Malta;
3. talli fis-17 ta' settembru, 2003, u matul is-snin ta' qabel, f'dawn il-Gżejjer, xjentement laqa' għandu jew xtara ħwejjeġ misruqa, meħuda b'qerq, jew akkwistati b'reat, sew jekk dan sar f'Malta jew barra minn Malta, jew xjentement b'kull mod li jkun, indaħal biex ibiegħhom jew imexxihom.

Rat il-verbal tas-seduta tad-19 ta' jannar, 2004 fejn l-imputat ammetta l-ewwel u
it-tielet akkuża miġjuba kontra tiegħu.

Rat il-verbal tas-seduta tad-19 ta' jannar, 2004 fejn il-prosekuzzjoni nfurmat il-Qorti li l-imputat ikkolabora bi sħiħ magħha.

Semgħet lill-avukat ta' l-imputat u lill-prosekuzzjoni dwar il-piena.

Għaldaqstant, ma ssibx lill-imputat ħati tat-tieni akkuża miġjuba kontra tiegħu u għalhekk tilliberah mill-istess akkuża. Issibu ħati tal-ewwel u tat-tielet akkuża miġjuba kontra tiegħu. Rat l-artikoli 127, 293 u 334 tal-Kodiċi Kriminali. Rat
il-fedina penali tiegħu, il-fatt li kkolabora mal-pulizija u l-ammissjoni tiegħu fl-ewwel seduta ta' din il-kawża. Fiċ-ċirkostanżi ma tikkundannahx għal piena karċerarja iżda tilliberah taħt il-provvedimenti tal-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta bil-kondizzjoni li ma jagħmilx reat ieħor fi żmien tlett snin mil-lum.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------